Minuti tal-Laqgħa Nru. 8 tas-Seba' Kunsill Lokali ta' Il-Gżira li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv, 283/1, Triq d' Argens, Il-Gżira, nhar it-Tlieta, 6 ta' Ottubru 2015 fil-5.30 p.m.

| | |
|---|---|
| **Preżenti:** | il-Membri |
| Sindku | Is-Sur. Conrad Borg Manche |
| Viċi Sindku | Is-Sur. Ralph Mangion |
| Il-Kunsilliera | Is-Sur. Joe Galea<br>Is-Sra. Graziella Schembri<br>Is-Sur. Neville Chetcuti<br>Is-Sur. Wayne Hewitt<br>Is-Sur. Jeremy Cardona |
| Aġent Segretarju Eżekuttiv | Is-Sur. Michael Portelli |

## AĠENDA

1. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti
2. Punti Mqajjma mill-minuti
3. Korrispondenza
4. Progress
5. Approvazzjoni ta' Ħlasijiet
6. Aġġornament

## 1.0 QARI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

1.1 Fuq punt 2.1 il-Kunsillier Chetcuti semma dan l-item imma huwa ma kienx bagħatlu email.

## 2.0 PUNTI MQAJJMA MIL-MINUTI

**Bilboards**

2.1 Fuq il-bilboards il-Kunsillier Galea qal li kemm ilu jsegwi dan il-każ irnexillu jsib persuna li ggiwdatu ma minn jieħu ħsiebhom. Huwa għadha xi dettalji lill-Kunsill. Huwa qal li kellmu fuq it-telefonata u qallu li anki kien jaf l-Ex Sindku. Din il-persuna qalet li se tagħmel appuntament mas-Sindku biex issolvi dan il-każ.

2.2 Il-Kunsillier Hewitt qal biex jekk isir il-meeting nitolbuh il-permessi u nieħdu pożizzjoni difensiva. Huwa qal li jista jattendi dal-meeting imma ma jkun hemm l-ebda ftehim miegħu biex ma nidħlux kompliċi miegħu. Huwa qal li rridu naraw il-Kunsill Lokali x se jkun qed jiggwadanja fuq dan il-każ.

**Permessi**

2.3 Is-Sindku qal li se jkun hemm is-sistema tal-Lornit għall permessi biex kif issa tkun implimentata din inkunu nistgħu nikkordinaw ix-xogħolijiet aħjar fil-lokalita.

2.4 Il-Kunsillier Chetcuti qal li fuq ix-xogħolijiet meta jiċċekjahom mhux dejjem qed ikun hemm il-wardens kif suppost. Huwa qal li kemm il-darba jkollu jkun pospost ix-xogħol.

**Akkwist ta Propjetajiet**

2.5 Il-Kunsillier Galea saqsa kif konna bqajna fuq id-Dar tal-Anzjani. Is-Segretarju qal li kien se jkun hemm laqgħa mas-Segretarju Parlamentari.

2.6 Il-Kunsillier Galea saqsa wkoll kif konna bqajna fuq il-clinic. Is-Sindku semma li matul din il-laqgħa se nistaqsu fuqu.

2.7 Is-Sindku saqsa lis-Segretarju fuq it-taxxa tal-boll minħabba l-propjeta ta Savoy Gardens. Is-Segretarju qal li għar irid jara minn huwa d-Direttur li jieħu ħsieb.

## 3.0 KORRISPONDENZA

**Crane fi Triq Reid**

3.1 Il-Kunsillier Chetcuti qal li l-kuntrattur kien sab mod kif iġġib crane iżgħar u b' hekk ikun jista jaħdem.

**Attivita Kulturali**

3.2 Is-Sindku semma li għall attivita li kienet diskussa li ssir fil-Milied kien irnexilna napplikaw għaliha.

**Ħamiem**

3.3 Il-Kunsillier Hewitt saqsa jekk tal-ħamiem hux se nkellmuhom. Is-Sindku qallu li jekk se jkun hemm problema għall ħamiem matul il-ġurnata jaqbel li din ninsewha.

3.4 Il-Kunsillier Cardona qal li hemm xi ħadd l-Isptar li dan huwa liċenzjat biex jeqridhom. Is-Sindku qallu li dan ikun tajjeb biex jsib soluzzjoni mingħajr ma noħolqu problema. Huwa semma biex isir meeting magħhom.

**Amministrazzjoni tad-Daycentre**

3.5 Il-Kunsillier Galea saqsa fuq id-Dar tal-Anzjani x' hemm innegozjat.

3.6 Il-Kunsillier Hewitt semma li huwa jrid jara l-kuntratt peress li ma kienx preżenti waqt l-aħħar laqgħa.

3.7 Is-Sindku semma li l-aħajr ħaġa hija li l-ewwel issir laqgħa magħhom u niddiskutu aktar fid-dettal x' hemm.

**Tindif u lmenti**

3.8 Il-Kunsillier Chetcuti semma li l-mapep bir-rotta tat-tindif ittellgħu fuq il-website u kien hemm feedback tajjeb diġa. Huwa qal li hemm biċċa fejn tal-Qroqq li trid tiġi rranġata u mnaddfa. Il-Kunsillier Chetcuti qal li hemm żona oħra fejn il-Marina li rridu nnaddfuha. Huwa qal li din iż-żona għalkemm tidher li taqa taħt il-Kunsill m' hemmx entita responsabli li tieħu ħsiebha.

3.9 Il-Kunsillier Chetcuti semma li hemm parti fi Triq Edgar Bernard fejn hemm xi siġar li jridu jinżabru. Se jkunu ikkuntatjatti l-Universita biex jieħdu ħsieb dil-ħaġa.

3.10 Il-Kunsillier Chetcuti semma li qed ikun hemm problema li l-kollettur tal-iskart jibda minn fejn hemm Triq Reggie Miller peress li hemm l-iskola u għalhekk waqt il-ħin tal-iskola jinħoloq traffiku kbir. Is-Sindku qal biex nagħmlu laqgħa miegħu u nkellmuh fuq ir-rotta.

3.11 Il-Kunsillier Chetcuti reġġa semma li qed ikun hemm problema fuq il-borża l-ħadra billi din ġieli qed tintuża biex jintrema skart organiku fiha. Huwa qal li l-kollettur meta din ma jiġboriex imbagħad iħalliha għall jumejn sħaħ.

3.12 Il-Viċi Sindku saqsa fuq Triq Luqa Briffa peress li din bħalissa tinsab magħluqa. Is-Sindku qal li mill-laqgħa li kellu mal-Ministru tat-Trasport dan kien qallu li din kienet se tinfetaħ.

3.13 Il-Kunsillier Chetcuti qal li t-tabelli li kien hemm fejn l-Iskola dawn kienu tneħħew. Is-Sindku semma li huwa xorta kien se jmur flimkien ma Monica billi daħlulu rapporti li f' dil-parti kien qed ikun hemm traffiku kbir meta jidħlu t-tfal għall Iskola. Huwa semma li Triq Ġużè Miceli issir one way biex wieħed jinżel minnha biss peress li fi Triq Edgar Bernard il-karozzi jeħlu.

3.14 Il-Kunsillier Galea semma li fejn tal-Freres ikun hemm konġestjoni fejn tasal għall ġol Pjazzetta. Huwa semma li fil-passat il-Kunsill Lokali kien fetaħ aċċess ġewwa l-Iskola fejn dan bħalissa qed jintuża biss mit-teachers. Is-Sindku semma li l-aħjar niddiksutu din is-sitwazzjoni mal-Freres stess.

**Xogħolijiet u lmenti**

3.15 Il-Kunsillier Galea qal li saru diversi xogħolijiet u ħsarat ġewwa l-lokalita.

3.16 Is-Sindku qal li dawn l-affarijiet irridu jsiru lista ta' dawn ix-xogħolijiet u nkellmu l-Awtoritajiet konċernati biex jirrimedjaw.

3.17 Is-Sindku semma li hemm sistema diġa lesta imma jrid ikun hemm l-go ahead minn naaħa tal-MITA biex din tkun implimentata.

3.18 Is-Sindku semma li fuq il-problema tal-bagħal taż-żunżan il-Kunsill se jkollu jieħu azzjoni minn naħa tiegħu peress li qed ikun hemm periklu kbir għar residenti. Huwa semma li jkollna nsibu pest controller tajjeb biex jeqred il-bejtiet li hawn ġewwa l-Gżira.

3.19 Il-Kunsillier Hewitt semma li biex tidħol fi propjeta privata irid ikun hemm mandat tal-Qorti. Huwa semma li l-aħjar idea tkun li niktbu lill-Awtoritajiet tas-Sanita biex jieħda azzjoni u jingħataw responsabilta fuq is-sitwazzjoni.

**Ġibjun**

3.20 Is-Sindku semma li huwa kien stħarreġ fuq il-kwistjoni tal-Ġibjun fejn sab li dan kien hemm oppożizzjoni minn naħa tal-MEPA biex hawn ikun żvillupat u anki intefgħet ħamrija biex ikun hemm reclamation. Huwa semma li hemm bżonn li ssir pressjoni mal-Ministru u anki mal-MEPA peress li ġewwa l-Gżira hemm bżonn ta' parkeġġ. Huwa qal lis-Segretarju biex inkellmu lic-Chairman tal-MEPA.

**Parkeġġ ġewwa l-Gżira**

3.21 Il-Kunsillier Hewitt semma jekk tistax tinstab żona fil-bidu ta Manoel Island li tintuża bħala parkeġġ. Is-Sindku semma li din tkun diffiċli għax l-ewwel irridu naraw mal-MIDI.

3.22 Il-Kunsillier Galea semma li kien kellmu l-Baruni fejn qallu li kien hemm żona propjeta tiegħu viċin il-pumping station fejn dan xtaq li jibdilha bħala parkeġġ b' sehem mal-Kunsill Lokali. Is-Sindku semma li nistgħu inkellmuh tinkera din iż-żona u l-Kunsill jieħu ħsieb li jbiddilha.

## 4.0 PROGRESS

### Ħaddiema tal-Kunsill

4.1 Is-Segretarju semma li l-Bord li kien hemm ippjanat għall intervisti kien iltaqa u għamel l-intervisti. Huwa semma li fi Skala 15 kien hemm żewġ persuni li ġew intervistati u kien hemm persuna oħra li ġiet intervistata għall Skala 13. Fuq Skala 15 kien hemm is-Sinjura Mariella Spiteri u s-Sinjura Tiziana Francalanza filwaqt li fuq Skala 13 kien hemm is-Sinjura Denise Vella. Is-Segretarju qara rapport fuq dawn l-intervisti quddiem il-Kunsilliera kollha fejn semma il-vantaġġi u l-iżvantaġġi ta' kull peruna li kienet intervistata.

4.2 Is-Sindku semma li fil każ ta Ms. Francalanza din għalkemm kienet żgħira fl-eta kellha dispożizzjoni tajba biex titgħallem. Is-Segretarju semma li filkaż Ms. Spiteri l-eta tista tkun żvantaġġ għax il-Kunsill Lokali jitlef dak li jkun investa fih wara ftit taż-żmien. Il-Kunsilliera qablu unanimament biex għalhekk tkun impjegata Ms. Falzon.

4.3 Is-Sindku semma li fil każ ta Denise Vella din kien hemm applikazzjoni waħda biss u għalhekk din ġiet magħżula awtomatikament biex timla din il-pożizzjoni.

4.4 Il-Kunsillier Hewitt saqsa kif kien se jibqa l-Kunsill fir-rigward tas-Segretarju. Huwa qal jekk il-Kunsill jista jiċċekkja jekk fil-pool tas-Segretarji kienx hemm kandidati tajbin għall dan il-post. Is-Sindku semma li s-sejħa għall pool daqt kellha tiftaħ u talab lis-Segretarju jiċċekkja mad-Dipartiment din fiex kienet waslet.

4.5 Il-Kunsillier Chetcuti semma li qed ikun hemm bosta drabi li meta jċempel il-Kunsill mhux naqbdu t-telephone. Is-Sindku semma li tista ssir sistema ta reception kif hemm f' Kunsilli oħra.

### Kwotazzjoni għas-Servizz tal-Accountant

4.6 Kien hemm żewġ kwotazzjonijiet għas servizz tal-Accountant li nfetħu waqt il-laqgħa tal-Kunsill fil-preżenza tal-Kunsilliera l-oħra. Waħda kienet minn GMM Business Solutions u oħra minn Romina Perici Ferrante.

4.7 Iż-żewġ kwotazzjonijiet kellhom ir-rekwiżiti mitluba imma l-offerta ta Peric Ferrante kienet elf Euro ogħla. Il-membri tal-Kunsill preżenti qablu li mmorru għall kwotazzjoni li kellha l-orħos prezz jiġifieri dik ta GMM Business Solutions wara li jsiru l-kjarfiki meħtieġa.

### Vettura tal-Kunsill

4.8 Fuq il-vettura li kellha tinħareġ bit-tender mill-Kunsill Lokali, s-Sindku kien tal-fehma li għalissa nistennew ftit peress li daqt kien se jkun hemm il-Baġitt u nkunu nistgħu naraw x' se jkun qed jiġri l-ewwel mill-ħaddiema li kien hemm impjegati taħt l-iskemi.

**U-Bars, Bye-Laws**

4.9 Is-Sindku semma li huwa kien bagħat email lill-Kunsilliera kollha rigward id-draft tal-Bye Law imma dawn ma kinux irrispondew. Huwa spjega kif kienet se tkun il-Bye Law fejn din tħalli l-maġġoranza tal-kontroll f' idejn il-Kunsill Lokali. Il-Kunsilliera qable mal-mod ta kif kienet se ssir il-Bye Law u għalhekk issuġġerrew biex il-Kunsill jipproċedi.

**Infrastruttura**

4.10 Is-Sindku semma li huwa kellu laqgħa mal-Ministru Joe Mizzi fejn iddiskuta diversi aspetti u bżonnijiet fuq it-toroq. Is-Sindku qal li din kienet laqgħa tajba ħafna. Il-Ministru qal lis-Sindku li jekk il-Kunsill iġġib il-materjal tat-tarmac huwa lest li jibgħat il-ħaddiema li hemm mad-Dipartiment biex jagħmlu xogħol ta patching.

4.11 Is-Sindku qal ukoll li l-Ministru qallu li fejn hemm ix-Xatt tal-Gżira kien se jsir traffic management ġdid. Is-Sindku ressaq il-pjanti u spjegahom lill-Kunsilliera. Huwa qal li se jibgħat il-pjanti lill-Kunsilliera permezz t' email biex jressqu l-proposti tagħhom.

4.12 Is-Sindku semma li meta saqsa lill-Ministru fuq l-iskemi tal-parkeġġ differenti dan qallu li dawn jinsabu pendenti. Huwa qal li biex dawn jerġgħu jsiru irid ikun hemm sistemi tat-trasport pubbliku effiċjenti.

**Claims fuq Inċidenti**

4.13 Is-Sindku ressaq claim fuq inċident fejn karozza kienet faqgħet it-tyre u li kien sar fi Triq Gerry Zammit fejn kien hemm akkumpanjat rapport tal-Pulizija kif ukoll ritratti. Is-Sindku semma li kien hemm struzzjonijiet minn naħa tad-Dipartiment lill-Kunsilli Lokali dwar kif dawn għandhom ikunu ipproċessatti.

4.14 Il-Kunsillier Hewitt semma li huwa ma jaqbilx li dawn għandhom ikunu imħallsa għax b' hekk jinfetaħ preċedent u l-Kunsill jibda jkollu ħafna claims simili. Huwa semma li l-Kunsilliera għandhom jieħdu vot fuq dan l-item.

4.15 Il-Kunsillier Galea semma li l-Kunsill preċedenti ma kienx jagħti kumpens għall dawn it-tip ta' claims.

**Tenders**

4.16 Il-Kunsillier Hewitt semma li fuq il-każ tat-tenders, il-Kunsill Lokali ikun regolarizatt. Is-Sindku semma li dawn it-tenders differenti jinstabu fi stadji differenti u għalhekk issuġġerrixxa biex jiltaqa l-Kunsill u jiddiskutihom u fejn hemm bżonn jinħarġu mill-ġdid.

4.17 Is-Sindku issuġġerrixxa biex jiltaqgħu l-Kunsillier Galea, Hewitt, huwa u s-Segretarju Eżekuttiv fuq dan l-item.

**Ħidma tal-Kunsilliera**

4.18 Is-Sindku ssuġġerrixxa biex il-Kunsilliera jħejju rapport fuq ix-xogħol li huma kellhom jagħmlu fuq id-dekasteri rispettivi.

**Proġett tax-Xatt**

4.19 Is-Sindku tkellem fuq pjan fejn tista titwessa l-bankina fejn hemm ix-Xatt u nitkellmu mal-ħwienet biex minn ikun jixtieq jista joħroġ l-imwejjed barra. Huwa semma li fuq din irridu niċċekkjaw anki bħala fondi tal-UIF.

4.20 Is-Sindku qal lis-Segretarju biex jiċċekkja mal-MEPA fuq fejn kienet waslet l-applikazzjoni li kien għamel il-Kunsill fuq il-fondi tal-UIF. Is-Segretarju semma li kien hemm korrispondenza.

**Sotto Kumitati**

4.21 Is-Sindku semma li kien qed jippjana li jkun hemm żewġ Sotto Kumitati, wieħed fuq il-kultura u attivitajiet u ieħor għall għaqdiet. Huwa semma diversi persuni li jistgħu jiffurmaw parti minhom u għaddha lista tagħhom lis-Segretarju. Il-Kunsilliera ssuġġerrew biex niltaqgħu magħhom u naraw minn hemm interessat.

4.22 Is-Sindku qal lill-Kunsilliera biex jekk huma jafu b' xi persuni oħra interessati jgħadduhom lill-Kunsill u jkun hemm persuni addizzjonali f' każ li dawn ma jaċċettawx.

**5.0 APPROVAZZJONI TA' ĦLASIJIET**

5.1 Il-Kunsillier Galea saqsa fuq il-kont li kien hemm tal-Perit kif tela' ċertu ammont u dan x' kien jikkonsisti. Is-Segretarju qal li se jitlob spjegazzjoni dwar dan il-kont kif kien imqassam.

Il-laqgħa ġiet fi tmiemha nhar it-Tlieta 6 t' Ottubru 2015 fit-9.45 pm. Kien hemm il-ġurnata tat-Tlieta 27 t' Ottubru 2015 proposta għall laqgħa li jmiss.

Konfermati llum ________________________ 2015.

| | |
|---|---|
| ______________________ | ____________________ |
| Conrad Borg Manché<br>Sindku | Michael Portelli<br>Aġent Segretarju Eżekuttiv |